MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH R. MICALLEF**

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 1108/2001/1

**Charmaine ĠERADA**

**vs**

**Stephen ĊIANTAR bħala editur tar-rivista "*Flimkien mal-Kunsill Lokali Bormla*" u Joseph Scerri**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fid-19 ta' Ġunju, 2001, li bih l-attriċi ippremettiet;

Illi l-konvenut Joseph Scerri kiteb artiklu intestat "Basta Kontra Bormla" li ġie pubblikat fil-ħames (5) paġna ta' Mejju – Ġunju 2001 tar-rivista "Flimkien mal-Kunsill Lokali Bormla" (estratt anness u mmarkat bħala Dok. A);
Illi l-konvenut Stephen Ciantar huwa l-editur ta' l-imsemmija rivista u għaldaqstant huwa wkoll responsabbli għall-imsemmi artiklu;

Illi bl-imsemmi artiklu l-konvenuti attribwew fatti determinati fil-konfront ta' l-attriċi li huma inveritieri u li għandhom l-iskop li joffendu l-unur u l-fama tagħha u li jesponuha għar-redikolu jew għad-disprezz tal-pubbliku, u jallega li "Il-kunsilliera nazzjonalista li qiegħda fil-Kunsill ta' l-Isla, Charmaine Gerada, kienet strumentali biex bankina li kienet ser issir għas-spejjeż tal-CRC, ma ssirx";

Illi l-attriċi wissiet lill-konvenuti sabiex ma jkomplux jiċċirkolaw l-imsemmi artikolu inġurjuż iżda baqgħu inadempjenti;

Illi l-attriċi ħassitha inġurjata u offiża u għalhekk għandha d-dritt għall-kumpens kontemplat fl-artiklu 28 tal-Liġi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta);

Għaldaqstant, l-attriċi talbet lil din l-Onorabli Qorti għaliex m'għandiex għal dawn ir-raġunijiet premessi:

1. Tiddikjara lill-konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ta' malafama u libell fil-konfront ta' l-attriċi minħabba li l-artiklu fuq imsemmi huwa libelluż u malafamanti fil-konfront tagħha u li jesponiha għad-disprezz u għar-redikolu tal-pubbliku;

2. Tillikwida s-somma dovuta lill-attriċi ai termini ta' l-artiklu 28 tal-Liġi ta' l-Istampa (Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta) minħabba l-istess malafama;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew min minnhom, iħallsu s-somma hekk likwidata lill-attriċi.

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, jew min minnhom, li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni u bir-riserva għal kull azzjoni fil-Liġi.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-attriċi, flimkien mad-dokument mehmuż magħha;

Rat in-Nota mressqa fit-18 ta' Ottubru, 2001, li biha l-imħarrkin eċċepew;

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet segwenti u għandhom jiġu miċħuda.

2. Illi qabel xejn Stephen Ciantar bħala editur ma setgħax kien fil-possibilita li jkun jista' jaċċerta l-fatti għaliex m'huwiex umanament possibli li jivverifika r-rivista kollha.

3. Illi l-artiklu in kwistjoni jinkwadra ruħu fi kritika ġusta ta' fair comment ibbażat fuq ġrajja vera.

4. Illi l-kittieb ma nġurja u ma mmalafama lil ħadd u l-kitba tiegħu hija biss eżerċizzju li tagħtih il-Liġi għad-dritt fundamentali tiegħu ta' espressjoni.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni maħlufa u n-Nota tax-Xiehda tal-imħarrkin;

Rat u semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni tal-avukat tal-attriċi;

Rat id-degriet tagħha tas-27 ta' Mejju, 2004, li bih tat lill-imħarrkin żmien sal-31 t'Awissu, 2004, biex jekk iridu jressqu Nota ta' Sottomissjonijiet;

Rat illi l-imħarrkin ma ressqux l-imsemmija Nota saż-żmien lilhom mogħti u lanqas talbu lill-Qorti biex ittawwal iż-żmien għaliha;

Rat id-Degriet tagħha tal-4 ta' Novembru, 2004, li bih u wara talba tal-imħarrkin f'rikors tagħhom tal-1 ta' Novembru, 2004, warrbet it-talba tagħhom biex jitħallew iressqu Nota ta' Sottomissjonijiet, u ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni ta’ libell famuż. L-attriċi, li hija kunsilliera fi ħdan il-Kunsill Lokali ta’ l-Isla, tgħid li artiklu miktub mill-imħarrek Joseph Scerri (dak iż-żmien Kunsillier fil-Kunsill Lokali ta’ Bormla) f’rivista maħruġa mill-istess Kunsill, jgħid dwarha ħwejjeġ li m’humiex minnhom u jittanta jwaqqagħha għad-disprezz tan-nies. Tgħid għalhekk li l-imsemmi artikolu illibellaha u qegħda titlob li tiġi mogħtija kumpens għad-danni minnha mġarrba;

Illi għal din l-azzjoni l-imħarrkin jilqgħu billi jgħidu li t-talba tal-attriċi m’hijiex mistħoqqa għaliex dak li jingħad fl-artikolu huwa “kritika ġusta ta’ *fair comment*” (*sic*) imsejsa fuq ġrajja vera. Filwaqt li l-imħarrek Ċiantar, bħala l-editur tar-rivista li fiha deher l-artiklu, jgħid li ma jaħti xejn jekk l-attriċi ħassitha mweġġa’ għaliex m’huwiex mistenni li editur jaqra kulma jidher fir-rivista, l-imħarrek l-ieħor Scerri jgħid li hu ma weġġa’ ‘l ħadd bil-kitba tiegħu għaliex kien qiegħed biss juża jedd li tagħtih il-liġi għal espressjoni ħielsa;

Illi dwar il-<u>fatti li joħorġu mill-atti</u>, jirriżulta li l-artiklu li minnu tilminta l-attriċi deher fil-ħarġa ta’ Mejju-Ġunju tal-2001 ta’ rivista li l-Kunsill Lokali ta’ Bormla jippubblika u jqassam fid-djar li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tiegħu u wkoll fi bnadi milħuqa mill-Kunsilli Lokali ta’ qrib. Minbarra li l-attriċi hija Kunsilliera, hija tagħmel parti wkoll minn kumitat – magħruf bħala l-Kumitat tar-Rijabilitazzjoni tal-Kottonera (C.R.C.) – magħmul minn rappreżentanti tat-tliet Kunsilli Lokali tal-Kottonera, u xi uffiċjali oħrajn;

Illi f’waħda mil-laqgħat tal-imsemmi Kumitat miżmuma fl-4 ta’ Jannar, 2001, issemmiet ħidma ta’ bini ta’ bankina fi Triq il-Ġdida, Bormla[1]. Minħabba li l-minuti nkitbu fis-sens li l-attriċi kienet ressqet mozzjoni li flus il-Kumitat jintużaw għax-xogħol tal-imaemmija bankina, l-attriċi ressqet emenda għall-minuti (fost għadd ta’ emendi oħrajn) ta’ dik il-laqgħa[2], biex titneħħa kull riferenza għal mozzjoni. Dik il-bidla bdiet tiġi diskussa fil-laqgħa ta’ wara tal-Kumitat

[1] Dok “CGX1, f’paġ. 46 tal-proċess
[2] Dok “CGX2”, f’paġ. 48 tal-proċess

miżmuma fit-30 ta' Jannar, 2001[3], iżda minħabba li nqala' storbju sewwasew waqt li kienet qegħda tiġi diskussa dik l-emenda, il-laqgħa aġġornat bla ma laħaq ittieħed vot fuqha. L-emenda ġiet approvata fil-laqgħa li nżammet fit-22 ta' Marzu, 2001[4];

Illi l-ħarġa tar-rivista ta' Mejju-Ġunju, 2001, tqassmet ukoll f'xi Kunsilli Lokali oħrajn, fosthom dak tal-Isla. Il-kawża nfetħet fid-19 ta' Ġunju, 2001;

Illi l-Qorti tibda l-konsiderazzjonijiet legali tagħha billi tippreċiża li kull att li bih stampat jiġi jew jista' jiġi mxandar jew komunikat jaqa' taħt l-egħmejjel li jistgħu jitqiesu mill-Att dwar l-Istampa bħala "pubblikazzjoni". Persuna li tkun kitbet jew xandret "pubblikazzjoni" tinkludi wkoll korp ta' persuni, kemm jekk i]addan personalita' ġuridika jew le[5]. L-azzjoni ċivili li titnissel minn xi allegat ksur tal-istess Liġi tista' tittieħed kontra l-awtur tal-kitba u l-editur tal-gażżetta jew pubblikazzjoni li tkun fl-ewwel lok. Huwa fin-nuqqas biss ta' għarfien dwar l-identita' ta' dawn it-tnejn jew ta' xiħadd minnhom li l-liġi tagħti jedd ta' azzjoni kontra ir-responsabbli għall-pubblikazzjoni. It-tifsira mog]tija mil-liġi lil "awtur tal-kitba"[6] tgħodd kemm għal min ikun kitibha jew ukoll għal min ikun ta l-kunsens tiegħu għal hekk;

Illi l-azzjoni ta' libell maħsuba fil-Kap 248 trid titqies bħala azzjoni speċjali li l-għejjun tagħha għall-bidu kienu maħsuba li jwettqu forma ta' kontroll dwar dak li jinkiteb jew jiġi mxandar fil-ġurnali. Mal-medda tas-snin, ix-xejra bdiet iddur favur il-ħarsien tal-fama tal-individwu minn dak li jista' jinkiteb jew jingħad dwaru fil-mezzi stampati, fid-dawl tal-jedd l-ieħor fondamentali tal-espressjoni ħielsa tal-fehmiet ta' dak li jkun. L-azzjoni ta' libell hija għalhekk azzjoni eċċezzjonali li wieħed idur għaliha biss f'każ fejn l-unur u l-ġieh ta' persuna jkunu ġew imkasbrin jew miftuħa għad-disprezz tal-pubbliku b'dak li jingħad jew jiġi mxandar dwaru. Fil-qafas ta' dawn il-parametri, u kif imfissra mill-aktar sentenzi aġġornati tal-Qrati Maltin u

[3] Dok "CGX3", f'paġ. 51 tal-proċess
[4] Dok "CGX4, f'paġ. 52 tal-proċess
[5] Art. 2 tal-Kap 248
[6] Art. 23(a) tal-Kap 248

barranin dwar din il-kwestjoni, l-għoti ta’ rimedju li jingħata taħt azzjoni bħal din qiegħed kulma jmur ixaqleb lejn il-jedd tal-espressjoni ħielsa. Il-ħtieġa tal-ħarsien mil-liġi lill-unur u r-reputazzjoni ta’ persuna m’għandux, b’riflessjonijiet u induzzjonijiet bla qies, joħonqu l-espressjoni ħielsa[7];

Illi l-jedd tal-espressjoni ħielsa, invokat ukoll mill-imħarrkin fin-Nota ta’ Eċċezzjonijiet tagħhom, u kif imfisser fl-artikolu 41 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta, u wkoll fl-artikolu 10 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali[8], jiġbor fih il-jedd li kull persuna jkollha u żżomm fehmiet bla ndħil minn ħadd u li tirċievi mingħand u tgħaddi lil ħaddieħor idejat u tagħrif bla ndħil. Minħabba li dan il-jedd iġib miegħu dmirijiet u responsabbiltajiet, għandu jkun fih xi limitazzjonijiet kif imsemmi fil-liġi u li jkunu meħtieġa f’soċjeta’ demokratika. Fost dawn il-limitazzjonijiet wieħed isib il-ħarsien tal-fama u tal-jeddijiet ta’ persuni oħrajn mill-effetti tal-eżerċizzju tad-dritt tal-espressjoni ħielsa ta’ dak li jkun[9]. Ma jistax ikun, għalhekk, li l-Istampa u l-meżżi l-oħrajn ta’ komunikazzjoni ma jkunux milquta b’dawn il-limitazzjonijiet[10];

Illi t-tifsir mogħti mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem f’għadd ta’ każijiet[11] lill-imsemmija dispożizzjonijiet tal-liġi iqis, fost l-oħrajn u b’mod ewlieni, is-siwi tad-dibattitu politiku ħieles bħala waħda mis-sisien fejjieda ta’ stat demokratiku. Dan it-tifsir dejjem għaraf bejn kritika li ssir fil-konfront ta’ persuna li hija mdaħħla fil-ħajja pubblika (jew politika) u persuna li m’hijiex;

Illi l-libell bl-istampa jitwettaq kull meta ssir xi imputazzjoni li tista' ċċekken lill-persuna li għaliha tirreferi (kemm jekk espressament jew b’implikazzjoni) fl-istima jew il-ġieh tas-

---

[7] App. Krim.Inf. **13.6.1985** fil-kawża fl-ismijiet ***Mifsud Bonniċi et vs Farruġia noe et*** (mhix pubblikata)
[8] Liema artikolu hu inkorporat fil-liġi tagħna bid-dispożizzjonijiet tal-Att XIV tal-1987 (Kap 319 tal-Liġijiet ta’ Malta)
[9] Ara Kost. **15.5.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Prim Ministru*** (Kollez. Vol: **LXXIX.i.148**)
[10] App. Ċiv. **15.11.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Borġ vs Camilleri et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.372**)
[11] Per eżempju, **8.7.1986** fil-kawża ***Lingens vs Austria,*** u wkoll **17.4.1991** fil-kawża ***Oberschlick vs Austria***

soċjeta' lejha, u dan billi timmira li taqta' lil dik il-persuna mill-istess soċjeta', jew li tesponiha għad-disprezz jew mibegħda tagħha. Min-naħa l-oħra, il-kritika ta' persuna, l-iżjed jekk dik il-persuna tkun imdaħħla fil-qasam pubbliku[12], ma ssirx minnufih passibbli għas-sanzjonijiet tal-libell jekk kemm-il darba tkun waħda serja, oġġettiva u meqjusa, ukoll jekk tkun ħarxa u qawwija[13]. Minn dan joħroġ li l-eżami ewlieni li għandu jagħmel il-ġudikant huwa dak li jqis jekk il-kliem ippubblikat jew imxandar jikkawżax lill-persuna li għaliha dik il-pubblikazzjoni jew xandira tirreferi nuqqas ta' stima f'għajnejn min ikun qraha jew semagħha. Tali "udjenza" għandha tiġi meqjusa bħala qarrejja jew semmiegħa ta' dehen normali li jkunu taw lill-kliem pubblikat jew imxandar it-tifsira normali tiegħu[14];

Illi għar-rigward ta' persuna fil-qasam pubbliku, u partikolarment fil-qasam politiku, il-livell ta' kritika li l-liġi tal-istampa tittollera huwa x'aktarx għoli, ażżardat u wiesgħa, u ċirkostkritt biss minn prova ta' ħażen jew infondatezza tal-fatti msemmija jew mid-diċenza pubblika jew xilja ta' abdikazzjoni ta' dmirijiet imposti fuqha. Meta l-persuna li għaliha ssir riferenza fil-pubblikazzjoni jew ix-xandira li tkun m'hijiex persuna fiżika, imma waħda ġuridika, il-qilla tal-kritika u t-tolleranza tagħha hija usa' sal-grad li mbasta tkun tollerabbli f'soċjeta' demokratika[15]. F'dan il-każ, il-prin`ipju tal-espressjoni ħielsa huwa mirfud bil-kwestjoni tal-interess pubbliku li normalment jimmotiva l-kritika mistħoqqa li għandha ssir dwar persuna involuta fil-ħajja pubblika[16] ukoll jekk il-kritika tolqot il-ħajja privata tal-personaġġ pubbliku;

Illi għal dak li jirrigwarda l-għamla tal-kritika li ssir, jingħad li waħda mill-forom li tintuża hija l-kumment. Bħalma timplika l-kelma nnifisha, kumment m'huwiex sempliċi stqarrija ta' fatt, imma tifsira ta' jew fehma dwar fatt li

---

[12] App. Ċiv. **1.2.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech Adami et vs Vella et*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.172**)
[13] App. Krim. **23.4.1963** fil-kawża fl-ismijiet ***X vs Y*** (Kollez. Vol: **XLVII.iv.1261**)
[14] P.A. FGC **8.10.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Victor Paċe vs Joe Azzopardi et*** (Mhix pubblikata)
[15] App. Ċiv. **8.11.1995** fil-kawża fl-ismijiet ***Gauċi vs Schiavone noe et*** (mhix pubblikata)
[16] Ara, per eżempju, P.A. **2.11.1989** fil-kawża fl-ismijiet ***Coleiro vs Schiavone et***; (mhix pubblikata) u P.A. **11.1.1990** fil-kawża fl-ismijiet ***Borda vs Sant*** (mhix pubblikata)

seħħ[17], ukoll jekk tkun tifsira preġudikata jew partiġġana. Fil-qasam politiku, imbagħad, il-kumment jista' jkun maħsub biex joħloq xkiel jew jagħmel ħsara politika lil xi persuna involuta jew biex saħansitra jqanqal disgwid jew taħwid fil-kamp politiku tan-naħa l-oħra;

Illi huwa aċċettat li jekk il-kumment ikun "ġust", ma jaqax taħt il-pwieni tal-malafama jew tal-libell. Il-kwestjoni ta' kummenti li jitqiesu bħala "ġusti" hija waħda li tagħti lok għal problemi kbar minħabba li mhix waħda ċara[18]. Biex il-kumment ikun wieħed "ġust", jeħtieġ li jkun imsejjes fuq ħwejjeġ jew ġrajjiet li sostanzjalment seħħew u li jkunu l-fatti sħaħ[19]. F'dan ir-rigward ġie mfisser b'awtorita' li: "*Fair comment is a defence which protects defamatory criticism or expressions of opinion; it does not protect defamatory statements of fact. ... For the defence of fair comment to succeed it must be proved that the subject matter of the comment is a matter of legitimate public interest; that the facts upon which the comment is based are true; and that the comment is fair in the sense that it is relevant to the facts and in the sense that it is the expression of the honest opinion of the writer or speaker*."[20]

Illi jekk jirriżulta li l-fatt allegat ma kienx attwalment jeżisti, ma tkunx tista' trieġi aktar id-difiża tal-kumment ġust[21]. Il-fatt irid jiġi pruvat kif imiss minn min jallega l-kumment ġust dwaru[22], daqskemm tantieħor irid jipprova li s-suġġett li dwaru nkiteb tali kumment kien wieħed ta' interess pubbliku u li l-kumment kien tassew wieħed "ġust"[23]. Kif jintwera li l-fatti msemmija kienu sostanzjalment minnhom, ikun jifdal li jiġi mistħarreġ jekk il-fehma espressa dwarhom jew l-apprezzament jew kritika misluta minnhom kinitx fil-limiti tal-jedd tal-espressjoni ħielsa kif imfissra aktar qabel;

---

[17] Gatley, Libel & Slander, 8 ediz., par. 697, paġ. 294
[18] Ara Gatley, *op. Cit.*, par. 707, paġġ. 299-300
[19] App. Ċiv. **21.1.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech pro et noe vs Montanaro et*** (mhix pubblikata)
[20] Carter-Ruck Libel and Slander (3rd. Edit, 1985), Chap. 11, paġġ. 97-8
[21] App. Ċiv. **13.1.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***Rizzo Naudi vs Aġius et*** (mhix pubblikata)
[22] App. Ċiv. **10.12.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Debono vs Callus et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.**495) u wkolll App. Ċiv. **14.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Sant vs Camilleri et*** (mhix pubblikata)
[23] Gatley *op. cit.*, Par. 747, paġġ. 324-5

Illi, fuq kollox, l-artikolu jew ix-xandira li trid tiġi mistħarrġa trid titqiegħed fl-isfond tal-attwalita' u fil-qafas taċ-ċirkostanzi li tkun saret il-pubblikazzjoni jew xandira li tkun[24];

Illi fil-każ li għandha quddiemha l-Qorti llum, jirriżulta li l-attriċi fl-ebda waqt ma ressqet mozzjoni biex il-Kumitat ma japprovax flus għall-proġett tal-bankina fi Triq il-Ġdida, Bormla. Kulma għamlet l-attriċi kien li tistaqsi jekk dak ix-xogħol partikolari kienx jaqa' taħt is-setgħat tal-Kumitat jew jekk kienx responsabbilta' tal-Kunsill Lokali ta' Bormla. Jidher ukoll li d-deċiżjoni li l-Kumitat ma japprovax li jinħarġu flus għall bini tal-imsemmija bankina ttieħdet mill-Kumitat kollu (għalkemm ma kinitx deċiżjoni unanimi). Jirriżulta wkoll[25] li min kiteb l-artikolu ma kienx preżenti għal-laqgħa tal-Kumitat, imma qagħad fuq tagħrif li ngħata minn persuna li kienet preżenti għal-laqgħa: dak li l-artikolist bena l-argument kollu tiegħu fuqu kien x'qal ħaddieħor li kien sar u mhux fatt li kien jafu huwa stess. Din iċ-ċirkostanza tgħabbi b'responsabbilta' lill-imħarrek Scerri, għaliex kif ingħad aktar 'il fuq, biex tkun tista' tirnexxi d-difiża tiegħu tal-kumment ġust, dak il-kumment irid ikun mibni fuq fatt li jkun sostanzjalment seħħ tassew;

Illi dan jingħad għaliex l-eżistenza ta' fatti li seħħew tassew bħala l-bażi tal-fehma jew tal-kumment hija rekwiżit meħtieġ għall-aħħar: m'huwiex biżżejjed li l-awtur juri li kien jemmen bis-sħiħ li l-fatti li ikkummenta dwarhom seħħew tassew jekk dawn fil-fatti ma seħħewx jew l-awtur kien imqarraq minn ħaddieħor biex jemmen li tassew seħħew[26]. Kemm hu hekk, kittieb ma jistax jissuġġerixxi jew jivvinta fatti, jew jadotta bħala minnhom stqarrijiet ta' fatti li jsiru minn ħaddieħor u li m'humiex minnhom, u mbagħad jikkummenta dwarhom bħallikieku dawk il-qlajja' kienu fatti tassew[27] ;

Illi meta wieħed iqis dawn iċ-ċirkostanzi kollha u japplikahom għall-każ, il-Qorti tasal għall-fehma li l-artikolu

---

[24] App. Ċiv. **4.2.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Fenech pro et noe vs Callus et*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.48**)
[25] Xhieda tal-imħarrek Joseph Scerri 22.10.2003, f'paġ. 81 tal-proċess
[26] Carter-Ruck, *op. cit.* , paġ. 100
[27] App. Inf. **24.11.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Anthony Degiovanni et noe vs Mark Lombardo et***

jikkostitwixxi defamazzjoni fuq żewġ livelli: dak li jattribwixxi lill-attriċi b'għamil li ma kinitx hija li wettqet; u dak li jqegħda f'dawl ikreh f'għajnejn min ikun qiegħed jaqra l-artikolu. Dawn iż-żewġ attributi joħorġu mill-kliem iebes użat fil-konfront tal-attriċi fl-artikolu miktub mill-imħarrek Scerri. Joħorġu wkoll mir-rejazzjoni pubblika li l-attriċi sabet ma' wiċċha f'okkażjonijiet jew attivitajiet soċjali[28]. Madankollu, jidher li l-akbar riperkussjoni – u li sata' kellha effett akbar fuq l-attriċi bħala kunsilliera fil-Kunsill Lokali tagħha – li tnisslet mill-fehma tal-kittieb kienet dik li, b'rabta mal-fatt addebitat lill-attriċi, il-Kunsill Lokali ta' Bormla "irreaġixxa" billi qatagħha li xi flus li kellu jgħaddi lill-Kunsill Lokali tal-Isla jinżammu "b'turija ta' protesta". Fi kliem ieħor, intafa' fuq l-attriċi piż ta' responsabbilta' li tqabbel ma' nuqqas ta' rġulija, u li ħalla riperkussjonijiet diretti u negativi fuq il-Kunsill Lokali (u xejn anqas fuq il-komunita' li dak il-Kunsill jirrappreżenta) li ma satax ma irriflettiex ukoll fuq l-attriċi f'għajnejn in-nies li hija tirrappreżenta;

Illi meħud fid-dawl ta' din ir-rejazzjoni u fil-qafas tal-kontroversja li s-suġġett tal-bini tal-bankina qanqal kull meta ġie diskuss, il-Qorti tasal biex tqis li r-riferenza għall-attriċi fil-"paġna umoristika" hija kontinwazzjoni tan-nisġa ta' ħsieb (jekk mhux ukoll animu) li r-rivista trid twassal lill-qarrej fil-konfront tal-istess attriċi. Il-Qorti ma taħsibhiex darbtejn biex tgħid li, meħuda waħedha, l-paġna umoristika ma setgħet qatt tkun kapaċi li toħloq difamazzjoni fil-konfront tal-attriċi. Imma, kif sewwa issottomettew l-abbli difensuri tal-attriċi, meta dik il-paġna titqies fid-dawl tal-artikolu miktub mill-imħarrek Scerri, dak l-"umoriżmu" jgħin biex titqawwa d-"doża" ta' stmerrija li l-Kunsill Lokali ta' Bormla kien qiegħed iħoss lejha dak iż-żmien minħabba d-deċiżjoni tal-Kumitat tar-Riabilitazzjoni tal-Kottonera li ma jiffinanzjax il-proġett tal-bankina;

Illi, minħabba f'hekk, il-Qorti tasal għall-fehma li t-tielet u r-raba' eċċezzjonijiet ma jistħoqqilhomx jiġu milqugħa;

[28] Ara x-xhieda tagħha 11.2.2002, f'paġ. 39, u x-xhieda ta' James Cauchi 22.4.2002, f'paġ. 58 tal-proċess

Illi għar-rigward it-tieni eċċezzjoni u li tirrigwarda lill-imħarrek Stephen Ċiantar bħala editur tar-rivista li fiha deher l-artiklu, jibda biex jingħad li editur ta' stampat jitqies marbut bl-istess responsabbilta' bħalma huwa marbut l-awtur ta' kitba li tiġi stampata. Dan jingħad minkejja li hemm għarfien li l-editur u l-kittieb jew l-artikolist iwettqu funzjonijiet differenti sa mal-kitba tiġi mitbugħa u mqassma. Imma l-ħsieb wara din il-"kolleġġjalita'" ta' responsabbilta' toħroġ mill-fatt li l-pubblikazzjoni hija proċess sfiq li ma jistax iseħħ mingħajr ir-rabta ta' fażi ma' oħra. Kemm hu hekk, l-awturi jgħallmu li "*everybody who takes part in the publication of a libel is liable for all the damage which it causes. Thus in the case of a newspaper the author of the libel and the proprietor, editor, printer, publisher and vendor of the paper are all liable, and any or more of them may be sued in respect of it.*"[29];

Illi l-liġi[30] tagħna wkoll tagħmel lill-editur passibbli għall-azzjoni tal-libell stampat bl-istess mod li torbot lill-awtur tal-kitba. Kif ingħad ukoll b'awtorita' mill-Qrati tagħna[31], il-liġi tagħna tiġbor flimkien taħt kappa waħda ta' responsabbilta' kemm lill-awtur tal-kitba, kif ukoll lill-editur li ippermetta l-istampar ta' dik il-kitba, u kif ukoll lill-istampatur li bis-saħħa tagħhom seħħet il-pubblikazzjoni. Il-liġi ma tagħrafx bejn l-awtur u l-kompliċi, imma tqis lit-tliet persuni bħala ko-awturi tal-għamil inkriminat;

Illi fil-liġi tal-Istampa ma jiswa xejn għall-editur f'kawża ta' libell li jgħid li ma kienx qara l-artiklu qabel saret il-pubblikazzjoni[32], għaliex b'daqshekk ma jeħlisx mir-responsabbilta' li ġġib magħha dik il-pubblikazzjoni f'każ li tirriżulta libelluża. Daqstant ieħor huwa stabilit[33] li, għal dak li jirrigwarda l-editur, lanqas ma jista' jinħeba wara l-iskuża li ma kellu l-ebda ħsieb li jinġurja, għaliex hija l-pubblikazzjoni minnha nfisha, u mhux daqstant l-intenzjoni jew in-nuqqas ta' fehma li jinġurja, li l-liġi tqis bħala rilevanti: fuq kollox, l-editur huwa l-persuna meqjusa mil-

[29] Carter-Ruck, *op. cit.* , paġ. 66
[30] Art 23 tal-Kap 248
[31] App. Ċiv. **21.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***DeMarco noe vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.462**)
[32] P.A. RCP **24.1.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Dr Andrew Borġ Cardona vs Joseph Abela et***
[33] Art. 25 tal-Kap 248

liġi bħala responsabbli għall-pubblikazzjoni inkriminata u kif ukoll li aġixxa xjentement sakemm ma jippruvax il-kuntrarju[34];

Illi l-imħarrek Ċiantar xehed li l-artikolu mertu tal-kawża kien qrah qabel il-publikazzjoni[35], għalkemm iżid ukoll li qagħad fuq il-fatti msemmija fih mingħajr ma ivverifika jekk dawk il-fatti kinux minnhom[36] . Minbarra dan, meta wieħed jifli r-rivista li fiha jidher l-artiklu in kwestjoni, jara li l-imħarrek Ċiantar jagħti sehem x'aktarx wiesgħa fiha, ukoll b'aktar minn kitba waħda. Minbarra dan, il-ġrajja marbuta mal-attriċi ssegwi bixra li tibqa' sejra matul partijiet oħrajn tal-istess ħarġa. Huwa diffiċli għalhekk biex wieħed jaċċetta li l-imħarrek – ukoll kieku kienet difiża tajba għalih fil-liġi – tassew ma satax jintebah b'dak li kien hemm miktub fil-konfront tal-attriċi;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, it-tieni eċċezzjoni wkoll m'hijiex qegħda titqies mistħoqqa u fondata;

Illi dwar il-kwestjoni tal-likwidazzjoni tad-danni għandu jiġi osservat li l-liġi tagħti grad ta' diskrezzjoni dwar l-ammont li tista' tordna lill-parti difamanti li tħallas lill-parti libellata. Il-liġi tqiegħed biss ammont massimu li jista' jingħata. F'dan ir-rigward, jidher li l-kriterju għaqli li l-Qorti għandha żżomm quddiem għajnejha huwa dak tas-sens ta' proporzjon li jqis il-fatt tal-inġurja, tal-gravita' tagħha, tal-persuna (jew il-kariga) li lejha l-inġurja hija diretta, flimkien mal-pubbliku li dik l-inġurja tkun trid tilħaq[37];

Illi l-Qorti qegħda tqis li l-artiklu mertu tal-każ kien maħsub li jxerred rejazzjoni ta' disapprovazzjoni (jekk mhux sentiment agħar ukoll) fil-konfront tal-attriċi għal għamil attribwit lilha, u dan mhux biss f'ambjenti tal-komunita' ta' Bormla, imma wkoll f'dik tal-Isla; fuq kollox, l-"fatt" li fuqu nbena l-artiklu kien diġa' ġie smentit b'mod dokumentat żmien qabel ma deher l-artiklu u b'mod li l-awtur sata' jew messu kien jaf li dak li ngħad fl-artiklu miktub minnu ma kienx minnu; u, fit-tielet lok, l-imħarrkin ma tawx,

[34] App. Krim. Inf. **13.1.1962** fil-kawża fl-ismijiet ***Scerri vs Hedley*** (Kollez. Vol: **XLVI.iv.778**)
[35] Xhieda ta' Stephen Ċiantar 31.5.2002, f'paġ. 71 tal-proċess
[36] *Ibid.* 22.10.2003, f'paġ. 78 tal-proċess
[37] P.A. **23.3.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Tonna et vs Aġius et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.87**)

għalkemm mitluba mill-attriċi nfisha, widen biex il-pubblikazzjoni ma tiġix imqassma;

Illi, meħuda dawn iċ-ċirkostanzi kollha, il-Qorti qegħda tillikwida d-danni li għandha titħallas l-attriċi fis-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm 400);

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qegħda tiddeċiedi billi:

Filwaqt li **tiċħad l-eċċezzjonijiet** kollha tal-imħarrkin billi m'humiex mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-ewwel talba attriċi** u tiddikjara li l-imħarrkin immalafamaw lill-attriċi bil-pubblikazzjoni tal-artiklu li deher fil-ħarġa ta' Mejju-Ġunju tar-rivista "*Flimkien mal-Kunsill Lokali Bormla*", billi l-imsemmi artikolu u rubrika li tidher ukoll iżjed 'il quddiem fl-istess ħarġa jesponuha għad-disprezz u tnaqqis ta' ġieh tagħha f'għajnejn il-pubbliku;

**Tilqa' t-tieni talba attriċi** u filwaqt li qegħda tillikwida d-danni li għandha tirċievi l-attriċi fis-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm 400), tikkundanna lill-imħarrkin, flimkien u solidalment bejniethom, iħallsu l-imsemmija somma lill-attriċi; u

**Tikkundanna** lill-istess imħarrkin iħallsu wkoll l-ispejjeż tal-kawża, flimkien mal-imgħaxijiet legali fuq is-somma ta' danni likwidata b'effett millum sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------